MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 319/2008/1

**Anthony Montebello.**

**vs**

**Raphael Buttigieg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Anthony Montebello ID 176050(M) datat 2 ta' Awwissu 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi b'sentenza tat-13 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet premessi, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li:

Rat ir-rikors ta' Anthony Montebello pprezentat nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2008, fejn talab "lil din il-Qorti tikkundanna lil Raphael Buttigieg ihallsu s-somma komplessiva ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin

Ewro u tleta u erbghin centezmu (€5,823.43), rapprezentanti l-prezz bilancjali ghall-vettura tal-marka Pajero bin-numru tar-registrazzjoni FBN 078, fl-istat li din kienet tinstab dakinhar tal-bejgh, u lilu mibjugha u konsenjata, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2007 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2007 u tat Taxxa fuq l-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn l-proceduri. Il-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut datata 13 ta' Novembru 2008, fejn:

1. Ikkontestat l-konvenut kkontesta t-talba attrici, peress "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhuwiex minnu li l-pajero msemmija mill-attur qatt inbieghet lill-esponent kif anke jirrizulta mill-ittra legali datata 29 ta' Novembru 2007 mibghuta lill-istess attur.
2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut ried jipprevalixxi ruhu minn din l-istanza sabiex jirrikonvjeni lill-istess attur sabiex dan jigi kkundannat li jirrifondi lill-konvenut is-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) rapprezentanti somma mislufa brevi manu lill-attur bl-obbligu ta' rifuzjoni fl-eventwalita` li ma jsehhx il-bejgh tal-Pajero fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 29 ta' Novembru 2007 u bl-imghax legali mill-prezentata tal-kontra-talba sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut, fejn espona s-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjent biegh il-Pajero in kwistjoni bhala *wreckage* ghall-*parts* u bil-*log book*

iffirmat minnu regolarment, u dan kit ser ikun pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi l-pagament fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) kien pagament akkont tal-prezz u mhux self brevi manu kif qieghed jigi allegat. Anzi l-konvenut rikonvenut hallas ukoll lill-attur rikonvenut b'kemm jiswew hames mitt lira (Lm500) valur f'konkos u dan ukoll akkont tal-imsemmi prezz.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi ghalhekk iI-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li rat l-provi migjuba quddiemha ddecidiet il-kawza billi:

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u qieghda tilqa' l-kontro talba tal-konvenut filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut. Tordna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,658.74) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000) flimkien mal-imghax skont l-Ligi.

Tordna wkoll li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-attur.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u minnha qieghda jinterponi dan l-umili appell tieghu;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet apprezzament hazin u serju tal-provi migjuba quddiemha u naqset li tikkonsidra cirkostanzi mill-aktar ovvji li jikkorrabborw il-versjoni tal-esponent u jikkontradixxu mhux ftit l-verzjoni tal-konvenut.

IIli l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-verzjoni tal-konvenut kienet aktar *verso* smili u ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk ghandha tigi emnuta. Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li fir-rejalta` qatt ma kien hemm bejgh tal-vettura pajero mertu ta' dina l-kawza.

IIli l-ewwel Qorti riteniet (a fol 17 tas-sentenza) illi hija kellha tara jekk iz-zewg elementi rikjesti ghall-finalizzazzjoni tal-bejgh jezistux, u cioe' jekk kienx hemm

ftehim wara l-prezz tal-vettura *in vendita* u jekk kienx hemm accettazzjoni ta' dan il-prezz min-naha tal-venditur, u waslet ghall-konkluzjoni zbaljata li l-attur appellant;

*"fl-ebda hin ma jghid kemm kien l-prezz. Jispjega li huwa kien habib mal-konvenut u fil-fatt kien ftiehem mieghu li jista jhallas lura anke permezz tal-konkos. Jghid ukoll li l-konvunut kien effettivament tah is-somma t'elfejn lira maltin (Lm2,000) bhala deposit u in oltre kien tah vjagg konkoss li huwa stima ghall-valur ta' hames mitt lira maltin (Lm500)".*

Illi bir-rispett kollu dan ma hux minnu *stante* li l-esponent fl-affidavit tieghu jispjega bl-aktar mod car u kategoriku li **"*nghid ukoll li meta kien qalli li xtaq jzomm r-wreckage hu, konna ftehmna l-prezz fis-somma ta' Lm5000, liema prezz l-konvenut accetta*"** u jkompli jispjega' li l-konsenja tal-konkos li kienet saret lilu mill-konvenut u giet pacuta ma parti mill-prezz u mhux bhala deposit, u li l-kumplament tal-prezz kellu jithallas fi flus, kif fil-fatt sar in kwantu ghall-zewg pagamenti ta' tliet mitt lira maltin (Lm300) u elf u seba mitt lira maltin (Lm1,700) rispettivament, bl-ahhar pagament kien sar wara li l-attur kien ghamel pressjoni fuq l-konvenut sabiex jhallsu. Dan kollu jikkonfermah ukoll l-Perit Emanuel Zammit li fl-affidavit tieghu jsostni li kien cempillu l-appellant u ghamel pressjoni fuqu sabiex jhallas lill-konvenut dak li huwa kellu jaghtih sabiex b'hekk l-konvenut jkun jista' jhallas lilu dak li kellu jaghtih fuq l-Pajero.

Illi propju l-qofol l-kwistjoni kollha ddur ma' dan l-Pajero u jekk effettivament kienx hemm l-bejgh tieghu jew le.

Illi l-**artikolu 1347 tal-Kodici Civili** jipprovdi li l-bejgh huwa kompletat appena l-partijiet jiftiehmu fuq il-haga u l-prezz.

*"Il-bejgh hu perfett bejn l-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-propjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq l-haga u fuq l-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas*

*il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej".*

Illi f'dan l-kaz, l-esponent jsostni appena ftehmu l-prezz il-konvenut kien hallas parti mill-prezz billi fi tliet okkazzjonijiet il-konvenut kien ghaddielu konsenja konkos mill-impjant tar-Rockcut Limited li fiha huwa kien involut u li l-valur ta' dan l-konkos fis-somma ta' Lm500 kien bi ftehim mal-konvenut giet pacut ma parti mis-somma tal-pajero. Illi mill-banda l-ohra l-konvenut jikkonferma li kien ghadda xi konsenji konkos lill-esponent, u fl-affidavit tieghu jghid li l-attur ma kienx hallsu tieghu filwaqt li fil-kontro-ezami jghid;

"*// l-konkos jiena tajtulu lill-attur ghaliex ahna hbieb".*

L-esponent ma jaqbel xejn ma' versjoni bhal din (li tan l-konkos ghax hbieb) u ohrajn moghtija mill-konvenut fl-affidavit tieghu u fil-kontro ezami. Per ezempju, l-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li kien cempilu l-appellant u staqsieh jekk kienx sejjer jiehu l-pajero u rrispondieh li kien xtara vettura ohra. Jkompli jispjega li l-appellant kien talbu sabiex jaghmilu pjacir u jmmur jnehhilu l-pajero ftit minn hemm halli jkollu l-ispazju biex jaghti l-konkos.

*"Ghaddiet gimgha u rega' cempilli u qalli li l-Pajero kien baghthieli hdejn l-garage li jiena ghandi goz-Zejtun fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra. Mort fil-fatt iz-Zejtun u nsib il-Pajero hemmhekk u 'wiehed tat-towtruck jistenna. Tat-Towtruck qalli li kien wassalli l-Pajero u jiena rrispondejtu li jiena ma kellhiex bzonnha. Dan tat-Towtruck, li qatt ma kont rajtu qabel, beda jinsisti li nhallsu tat-towing, u fil-fatt jiena kelli dak il-hin nohrog ghoxrin lira Maltin (Lm20) u ntihielu".*

L-appellant jistaqsi kif qatt tista' l-Qorti tasal sabiex temmen versjoni bhal din tal-konvenut. Kif qatt jista' jitwemmen l-konvenut meta jghid, l-ewwel li l-appellant talbu jaghmillu pjacir u jzommulu ghax ried jaghti l-konkos fil-*garage*, meta fil-fatt l-appellant kellu daqstant spazju fir-raba` tieghu fejn dan seta' jzommu. X' kellu bzonn l-appellant jitlob lill-konvenut jaghmillu dan l-pjacir meta fil-fatt dan l-pajero kien qed jinzamm gewwa ghalqa tal-

appellant? Kieku jekk stess talbu jaghmillu pjacir, x' kien li wassal lill-konvenut appellat li jghid lil tat-tow trukk li l-pajero ma kellux bzonnu? Ghaliex tat-tow trukk beda jinsistli li l-konvenut appellat jhallsu tas-servizz, u li jekk allura l-pajero ma kellux bzonnu ghaliex accetta li jilqa' ghandu l-istess pajero fil-*garage* tieghu, u mhux biss, jhallsu huwa stess Lm20? Huwa veru simili li l-konvenut appellat accetta l-pajero ghandu bi pjacir? Jekk dan huwa l-kaz ghaliex allura l-konvenut jkompli jghid:

*"jiena mart insib lil Montebello u ergajt ghidtlu li dik il-Pajero b'dawk il-prezzijiet ma kinetx tghodd ghalija u li fi kwalunkwe kaz ergajt ghidtlu li gia kontxtrajt pajero ohra lit-tifel. Hu beda jinsisti mieghi li nzommha u beda jissuggerili li ntihomlu konkos. Jiena ghidtlu li jiena ma stajtx inpartatlu bil-konkos peress li s-socjeta` Rockcut Ltd ma kinetx kumpanija tieghi".*

Anke hawn l-esponent jistaqsi liema hija l-versjoni vera u korretta tal-konvenut? Dik li l-esponent talbu jaghmillu pjacir jzommlu l-pajero ghax kien qed jaghti l-konkos jew li impona fuqu l-vettura ta' bilfors tant li kellu jaccettha u jhallaw ukoll tat-Tow Trukk? L-esponent jistaqsi, huwa veru simili li l-appellant jimponi vettura u l-konvenut appellat, kontra r-rieda tieghu jaccetta li jilqa ghandu u jhallas ukoll tat-*towing*? Huwa veru simili li jghid li huwa ghax kien habib mal-appellant jaghtih l-konkos b'xejn meta kif jistqarr huwa stess l-kumpanija Rockcut Limited ma kinetx tieghu, izda li taghha huwa kien biss impjegat? Jew dawn l-versjonijiet kollha ma ghandhom xejn mis-sewwa u jiikontradixu lill-appellat ?.
Fil-kontro ezami tieghu l-konvenut appellat jghid ;

*"Nikkonferma li lanqas dan il-bejgh ma sar ghaliex jiena l-vettura qatt ma xtrajtha, giet ghani ghax mibghuta lili minghand is-sid. Nikkonferma wkoll li min gab din il-vettura ghandi lanqas naf min kien".*

L-esponent jistaqsi, jekk l-appellat ma kienx jaf minn kien tat-tow trukk, ghax ma kienx hu li nkarigah, ghaliex allura hallsu Lm20.? Ghaliex qatt ma talab refuzjoni ta' dawn l-

ispejjez minghand l-appellant? L-appellat waqt l-kontro ezami, fl-istess nifs jkompli jghid;

*“Nixtieq nghid li dak iz-zmien meta din il-persuna gabitli l-vettura jiena kont ghadni habib hafna ta’ Ninu l-attur u ghalhekk deherli li kelli niftah il-garaxx u nzommha”.* .

L-esponent ma jaqbel xejn li versjoni bhal din tista’ qatt tigi emnuta, ghaliex kif qatt jista’ l-konvenut, habib kemm huwa habib mal-appellant, qatt seta’ jiftah l-biebien tal-*garage* tieghu u jilqa’ ghadu vettura mibghuta lilu minghand l-istess appellat u f’nifs jghid li giet imposta fuqu tant li protesta mal-appellant ghaliex huwa l-vettura ma kellux bzonnha u fl-istess nifs jghid li deherlu li kellu jiftah il-*garage* u jzommha.? Zamm l-vettura ghandu ghaliex l-appellant talbu pjacir izommhielu sakemm jaghti l-konkos fil-*garage* jew giet imposta fuqu, tant li spicca wkoll kontra r-rieda tieghu allegatament hallas lil tat-tow trakk? L-appellant jostni li l-ebda versjoni ma hija korretta u dan kif ser jispjega aktar ‘l isfel f’dan ir-rikors tal-appell.

Fid-dawl ta’ dan kollu l-appellant jistaqsi wkoll kemm hija versu simili l-versjoni tal-appellat li jghid li wara dan id-depozitu sfurzat tal-vettura ghandu, jislef minghajr skrittura u ‘brevi manu Lm2,000 lill-appellant sabiex jhallas l-*insurance* tad-daghjsa? Il-konvenut fil-kontro ezami jghid;

“.....ghalhekk selliftu Lm2,000 u ghidtlu li jekk kemm-il darba nirrangaw il-kwistjoni ta’ bejnietna dwar il-Pajero stajna nnaqqsu l-Lm2,000 mis-somma dovuta”.
L-Appellant jistaqsi; kemm huwa minnu dan? L-appellat fl-affidavit tieghu jispjega li;

“xi tliet gimghat wara naf li Montebello gie jhabbatli d-dar u qala argument ghax beda jinsisti mieghi li jiena intih il-kumplament tal-flus tal-Pajero u jiena ghitlu li kien qed jghid ma kienx minnu w li meta jrid jigi u jiehu l-Pajero lura. Fil-mument u l-hin hareg it-tifel ukoll ghax-sema’ l-istorbju u widdeb lil Montebello biex ma joqghodx jigi jaqla l-paroli wara l-bieb tad-dar taghna.”

Allura l-appellat hawn jikkonferma li dan gara xi tliet gimghat wara li allegatament huwa silef lill-appellant Lm2,000. Illi skont l-kontro-talba tal-istess appellat l-allegat self sehh f’ Awwissu 2007 u ghaldaqstant dan l-incident tal-istorbju wara l-bieb tad-dar tal-appellat sehh jew f’Awwissu jew f’Settembru tal-istess sena. Hawn ukoll l-esponent jistaqsi x’wasslu li wara dan l-allegat incident, joqghod jistenna sad-29 ta’ Novembru 2007 sabiex jinterpella lill-appellat jhallsu lura Lm2,000 u jirtira minghandu l-pajero, u dan meta kien qieghed jirrispondi ghall-ittra ufficjali mibghuta lilu mill-appellant sabiex huwa jhallas l-prezz bilancjali tal-istess pajero? (ara kontro-ezami tal-appellat a fol 31).

Illi l-appellant jsostni, li l-versjoni tal-appellat tikkontjeni hafna nkonsistenzi, u liema nkonsistenzi huma evidentament u manifestament cari u rizultanti mill-kumpless tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant jsostni li minn apprezzament akkurat tal-provi ghandu jirrizulta bl-aktar mod car is-segwenti:

Illi l-appellat ried jixtri vettura lili ibnu u kien dahal f’negozjati mal-appellant sabiex jixtri l-pajero tieghu li kien mahbut u dikjarat mill-*insurance beyond economical repair*, bl-intiza li juza l-magna u *chassis number* fuq pagero iehor li kellu jimporta mill-Ingilterra.

Illi l-konvenut kien nkariga lill William Green sabiex jispezzjona l-pajero ‘n kwistjoni u jaghtih stima tax-xoghol meta dan kien ghadu ghand l-appellant gewwa ghalqa f’ Marsaxlokk (ara affidavit ta’ William Grech a fol 15 u kontro-ezami afol 36) fejn l-istess konvenut appellat jikkorabora dan l-fatt.

Illi l-partijiet ftehmu dwar l-bejgh u l-kundizzjonijiet tieghu nkluzi l-oggett ossia l-pajero u l-prezz tieghu, ossia Lm5,000. Il-konvenut appellat accetta wkoll dawn l-kundizjonijiet, u l-bejgh gie kompletat, ghaliex f’dawk iz-zminijiet kien haseb li seta jimporta pajero iehor petrol bi ftit flus mill-Ingilterra u wara li jsiru l-modifiki fuqu kellu allura jiffranka r-*registration tax* u l-permessi sabiex jinfetah bil-hgieg.

Illi tant kien hemm ftehim fuq l-kundizzjonijiet tal-bejgh, illi wara xi zmien bil-vettura tinzamm ghand l-appellant, l-konvenut appellat nkariga tow trakk li hallas huwa stess sabiex jehodlu l-pajero nkwistjoni fil-*garage* tieghu fiz-Zejtun.

Illi nsegwitu ghal dan, l-konvenut appellant mar ghand Frank Tonna ta' Frankit Limited ta' Hal-Qormi sabiex jgib stima ta' xi *parts* li huwa kellu bzonn ghall-finiijiet tal-konversjoni tal-pajero li huwa kellu jgib mill-Ingilterra u sabiex jaghtih pariri fuq l-vettura Pajero li kien xtara minghand l-appellant. Dan ix-xhud jghid:

" *Niftakar li kien gie ghandi Raphael Buttigieg u kien talabni numru ta' spare parts ghal Pajero. Jiena fil-fatt kont staqsejtu x'tip ta' mudell kellu ta' Pajero u li xtaqt narah, kien sejjer qadja u qalli biex immur mieghu biex narah. Naf li kont rajtha go garaxx iz-Zejtun u naf li kellha daqqa kbira sahansitra anke x'shazzy kien mghawweg. Jiena fil-fatt ghidtlu li kelli spare parts li xtaq tal-Pajero, tajtu stima u fil-fehma tieghi kellu spejjez ta' bejn wiehed u iehor elfejn lira Maltin. Bqajna li kelli jkellimni u ma regax gie l-garage."*

<u>Illi ghalhekk dan ix-xhud jikkonferma li meta ntalab jaghti stima mill-konvenut appellat, il-vettura gia kienet fil-pussess tal-konvenut appellat. u ghalhekk din c-cirkostanza tikkontradixxi l-verzjoni tal-konvenut dwar li kien ircieva ghandu l-vettura sabiex jaghmel pjacir lill-appellant u aktar tard ghaliex din kienet imposta fuqu u li l-vettura dak inhar tad-depozitu ma kinetx tghodd ghalieh.</u> Dan ix-xhud jghid li l-istima kienet ta' Lm2,000, u allura huwa veru simili li wara li sar l-bejgh tal-pajero, l-konvenut appellat deherlu li kellu jmur lura unilateralment mill-ftehim tal-bejgh li kien ghamel mal-appellant, u unilateralment jiddikjara li dak li kien hallas fi flus issa flok kien pagament akkont tal-prezz jsir self bl-obbligu tar-restituzjoni fl-eventwalita` ta' nuqqas ta' ftehim dwar l-aggustament tal-prezz. Kien propju wara li nghatat din l-istima li l-konvenut gietu l-idea sublimi li unilateralment u kontra l-principju fundamentali tal-"pacta sunt servanda" li jmur lura mill-

ftehim u unilateralment jiddikjara li l-pagamenti akkont li kien ghamel kienu allura saru self ‘brevi manu’ bl-obbligi ta’ refuzjoni jekk l-appellant ma jaccettax li jbieghlu l-pajero ghas-somma ta’ Lm2,000. Tant dan huwa minnu, li l-appellat stess jallega li;

*“meta jiena ghidt lil Tonna il-prezz li kien qed jitlobni Montebello dan Tonna qalli allura dik ma tghoddx ghalik ghax ser tigik hafna spejjez. Tonna qalli wkoll illi fil-fatt b’dawk il-prezzijiet kont insib wahda, titla’ go fiha, tistartja u jitlaq. Jiena smajt minnu allura mort indur d-dealers”.*

Jghid illi wara dan l-episodju kien xtara vettura minghand Ronnie Mallia ghall-prezz ta’ Lm6,700 u esebixxa wkoll kopja tal-*bank draft* tal-hlas u tal-*log book*. Dan kollu sehh fis-sena 2006 kif jirrizulta mill-istess *logbook* u mill-*bank draft* esebit. Ghaldaqstant, il-konvenut appellat wara li xtara l-pajero minghand l-appellant, ntebah li fis-suq li kemm pajero ghall-prezz ta’ Lm5,700, u ghalhekk ghazel li minghajr ma jidhol f’kumplikazzjonijiet ta’ imporazzjoni u jew tiswija tal-pajero kif kien iddecieda li jaghmel qabel, jixtrih u unilateralment jhassar l-bejgh li kien dahal ghalieh u li kien gia konkluda mal-appellant. Illi ghalhekk l-verzjoni tas-self brevi manu fis-somma ta’ Lm2000 lill-appellant sabiex jkun jista’ jhallas l-*insurance* tad-dghajsa ma hija xejn hlief hrafa. *In oltre’* l-appellat jghid li s-self brevi manu kien sar f’Awwissu 2007 u li talab lill-attur appellant jirrifondi l-prezz tliet gimghat wara dan l-episodu u wara li Montebello kien mar ghandu d-dar jitolbu l-hlas. Jghid ukoll li kien biss wara li rcieva l-ittra ufficjali minghand l-appellant, u allura permezz ta’ ittra legali datata 29 ta’ Novembru 2007, li talab lill-appellant jiehu lura minghandu l-pajero. Dan jfisser, aktar min sena wara li kien xtara l-pajero minghand Ronnie Mallia, u bil-vettura pajero tal-appellant tibqa’ ghandu u fil-pussess tieghu sallum l-gurnata minghajr anqas ma ddepositha taht l-awtorita` tal-Qorti sabiex jezimi ruhu minn kull kwalsiazi responsabbilta`.

Illi fid-dawl ta’ dawn l-inkonsistenzi kollha, l-appellant jsostni li l-ewwel Qorti ma kellha ebda raguni fondata temmen l-versjoni tal-appellat u tenut il-principju ta’ dak li

huwa probabbli li sehh, din il-Qorti ma tistax ma temmienx l-versjoni tal-attur appellant, ll-kronologiia tal-fatti kif espressi mill-konvenut appellat ma taghmel ebda sens, u filwaqt li jghid li huwa xtara pajero iehor flok dak li kellu jixtri minghand l-appellant fis-sena 2006, fl-istess nifs jghid li silef Lm2,000 lill-appellant f' Awwissu 2007 bin-negozjati dwar xiri tal-vettura u l-prezz taghha jkunu ghadhom pendendi bejn l-partijiet wara dak iz-zmien. (Il-*Bank draft* esebit mill-appellat fis-somma ta' Lm5,700 sabiex xtara pajero minghand Ronnie Mallia, effettivament kien pagabbli lil HSBC Bank (Malta) plc., peress illi Ronnie Mallia ma' kienx wasal li jhallas id-dejn li kellu mal-Bank u b'hekk kellu jbiegh l-vettura bi prezz baxx. Dan l-fatt gie a konjizjoni tal-appellant ricentament.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi gia prodotti u jirriserva li jipproduci dawk il-provi kollha permessi mil-ligi sabiex jkompli jikkontradixxi l-verzjoni tal-konvenut appellat, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-appell joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tat-13 ta' Lulju 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tirrevokaha u minflok tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-esponenti u kif ukoll tichad it-talbiet tal-konvenut appellat fil-kontro-talba tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fil-5 ta' Awwissu 2010.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Frar 2011 u dak tal-5 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2011.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur kien talab li l-konvenut ihallsu l-ammont ta' €5823.43 (Lm2,500) bilanc ta' prezz ghall-bejgh tal-vettura tal-marka Pajero Reg. No. FBN 078 li kienet fi stat ta' wreck, mentri l-konvenut kien sostna li ma kien sar ebda bejgh u minflok talab is-somma ta' €4,658.75 (Lm2,000) rappresentanti self ta' flus brevi manu lill-attur.

Illi b'sentenza datata 13 ta' Lulju 2010 l-Qorti tal-Magistrati wara li tat sommarju tax-xhieda kollha prodotta, u ghamlet riassunt ta' dak li huma l-versjonijiet tal-partijiet riportati f'pagna 17 sa 19 tad-decizjoni u wiznet il-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet sostniet li qed temmen il-versjoni tal-konvenut u dan ghaliex (a) l-attur qatt ma qal x'kien il-prezz ta' bejgh; (b) il-karozza kieku inbieghet bil-prezz ta' Lm5000, bit-tiswija li kellha bzonn kienet tigi tiswa Lm8,500, meta l-konvenut kien xtara karozza simili f'dawk iz-zmienijiet bil-prezz ta' Lm6,500, u ghalhekk sostniet li *"x-xhieda moghtija mill-konvenut hija iktar versosimili u ghandha mis-sewwa w ghalhekk ghandha tigi emnuta. Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li fir-realta' qatt ma kien hemm bejgh ta' din il-vettura w ghalhekk illum il-gurnata l-attur m'ghandu jiehu xejn minghand il-konvenut. Fil-waqt li thoss li l-attur ghandu jhallas lura lill-konvenut dik is-somma li huwa ssellef minghandu brevi manu fl-ammont t'elfejn lira Maltin (Lm2,000).*

Illi sar appell odjern peress li inghad li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u hija l-versjoni attrici li kellha titwemmen ghaliex hija l-iktar wahda verosimili u dan ghaliex id-decizjoni hija mibnija fuq l-asserzjoni zbaljata li ma setghax ikun hemm ftehim ta' bejgh tal-istess vettura bejn il-partijiet ghaliex *"l-attur ..........pero' fl-ebda hun ma jghid kemm kien il-prezz..."* (pagna 17 tas-sentenza).

Illi fil-fatt dwar dan l-attur appellant ghandu ragun ghaliex fl-affidavit tieghu datat 11 ta' Marzu 2009 spjega li *"konna*

*ftehmna l-prezz ta' Lm5,000, liema prezz il-konvenut accetta"* (fol. 13), u in effetti meta l-Ewwel Qorti rrapporatat l-istess xhieda fid-decizjoni taghha, sostniet li l-attur kien *"qal li meta ftehmu li l-konvenut izomm ir-wreckage, ftehmu wkoll dwar il-prezz ta' hames elef Lira Maltin (Lm5,000) u malli ftehmu il-konvenut kien hallas parti mill-prezz billi fi tlett okkazzjonijiet kien tah konsenja ta' konkos mill-impjant Rockcut Limited li fiha huwa nvolut".*

Illi din il-Qorti thoss li minn kif hija redatta din id-decizjoni tali konsiderazzjoni maghmula kienet vitali sabiex l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li temmen il-versjoni tal-konvenut, peress li r-raggunament kien li la darba ma ssemmiex prezz ta' kemm inbieghet jew kienet ser tinbiegh l-istess vettura, allura qatt ma seta` kien hemm bejgh. Izda meta mix-xhieda prodotta jirrizulta li fil-fatt l-attur semma' li l-prezz tal-vettura kien ta' Lm5,000 u li kien hemm ftehim dwar l-istess, mela allura tali konsiderazzjonijiet kontenuti fl-istess sentenza ma jibqghux b'sahhithom, ghaliex jirrizulta li huma mibnija fuq premessa kompletament zbaljata, ghaliex fil-fatt l-attur kien kategoriku li l-ammont li sar ftehim dwaru kien ta' Lm5,000 – mentri minn naha l-ohra l-konvenut jghid li l-ammont mitlub kien ta' Lm5,500 (fol. 31).

Illi tenut kont ta' dan, din il-Qorti thoss li hemm il-premessi necessarji sabiex bhala Qorti tal-Appell hija tezamina mill-gdid il-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, u wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, thoss li l-attur ipprova li kien hemm ftehim dwar il-bejgh tal-istess vettura fl-istat li kienet lill-konvenut ghall-prezz ta' Lm5,000, tant li l-konvenut beda wkoll ihallas il-prezz tal-istess l-ewwel b'konsenja ta' konkos fl-ammont ta' Lm500, imbaghad b'pagamenti ta' Lm300 u Lm1,700, u b'hekk kien baqa' bilanc ta' Lm2,500 li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Ma' dan irid jizdied li effettivament l-istess vettura inhadet mill-konvenut, u kien l-istess konvenut li hallas ghat- *towing* tal-istess, u attwalment l-istess vettura ghadha fil-pussess tal-konvenut, tant li kien biss wara li l-konvenut ircieva ittra ufficjali a bazi tal-**artikolu 166B tal-Kap. 12** minghand l-attur, li huwa mbaghad interpella lill-attur fid-29 ta'

Novembru 2007 (Dok. “Z”) sabiex jirtira l-karozza minghandu, u kien hawn li talab ghall-ewwel darba r-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm2,000 li huwa qal li kien silef lill-attur, (liema somma ma kellhiex tigi, skond il-konvenut, ikkunsidrata bhala pagament akkont tal-prezz tal-istess vettura, kemm il-darba huwa kien jiddeciedi li ma jixtrix il-karozza tal-attur).

Illi ma dan jigi rilevat ukoll li anke hawn il-Qorti ma tistax taccetta l-versjoni tal-konvenut u dan ghaliex ma kien hemm ebda raguni, allura skond il-versjoni tieghu, ghaliex minghajr ftehim huwa kellu jaccetta li jzomm il-vettura tal-attur ghandu, iktar u iktar meta skond huwa l-konvenut kien baghtlu l-istess vettura bla ma kien qallu; iktar u iktar, kieku l-affarijiet graw kif qal il-konvenut, huwa wisq inversomili, li huwa mhux biss jaccetta l-karozza ghandu, izda li jhallas l-ispejjez tat-towing tal-istess, u wkoll izomm l-istess *wreckage* ghandu ghal dan iz-zmien kollu, fejn jidher li anke sad-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, u sad-data ta’ din is-sentenza l-istess *wreck g*hadha ghand il-konvenut, u dan minkejja dak li qed jghid f’din il-kawza, u nonostante li jghid li xtara karozza ohra Pajero fid-29 ta’ Settembru 2006 (Dok. “RB 2” – fol. 35) u iktar sinifikanti jaf dak li qed jippretendi l-attur, u huwa qed jirrispondi li l-istess karozza mertu tal-kawza odjerna, ma hijiex tieghu, izda xorta wahda zammha ghandu u lanqas almenu ezima ruhu minn kull responsabilita’ billi ddeposita l-istess karozza l-Qorti.

Illi ma` dan jizdied jinghad li jirrizulta minflok li mill-provi prodotti li kien hemm kunsens *ad idem* bejn il-partijiet u anke dwar il-prezz u  l-bejgh kien komplut meta l-partijiet qablu dwar il-karozza u l-prezz tal-istess skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1346 tal-Kap. 16,** tant li l-konvenut beda’ wkoll ihallas l-prezz pagamenti akkont,  u ha u zamm il-pussess tal-istess vettura, u wkoll avvicina diversi persuni sabiex jirranga l-istess, inkluz lil Frank Tonna, u dan meta l-vettura kienet gja fil-pussess tieghu, u dan sar qabel ma xtara l-karozza l-ohra Pajero minghand certu Ronnie Mallia  fit-22 ta’ Settembru 2006 (Dok. “RB 1” – fol. 34), u din il-Qorti thoss li kien wara li sehh dan kollu li l-istess konvenut jidher li kellu

ripensament dwar il-bejgh li kien ikkonkluda mal-konvenut, u allura talab lura l-ammont ta' Lm2,000 li sostna li kien ammont li sellef lill-attur – taht titolu ta' self *brevi manu* – u dan meta ma saret l-ebda skrittura f'dan is-sens.

Illi jigi rilevat ukoll li l-attur isostni li l-bejgh tal-karozza sar fis-sena 2006, u jekk wiehed jiehu l-versjoni tal-konvenut stess, is-self ta' Lm2,000 li qed jghid li kien ghamel lill-attur sehh f'Awwissu 2007, meta allura qed isostni li dan sar bl-intuza li jekk ma jsirx il-bejgh tal-istess vettura, tali somma tigi kkunsidrata bhala self (fol. 32 – affidavit datat l-1 ta' Marzu 2010) u allura dak li qed jghid il-konvenut huwa effettivament li wara li allura gja kien xtara l-vettura l-ohra Pajero, huwa kien ghadu qed jahsibha jekk jixtrix il-karozza minghand l-attur, u dan meta ghadda dak iz-zmien kollu u l-istess vettura kienet gja fil-pussess tal-konvenut. Certament li din il-versjoni mhux biss ma hijiex inverosimili izda hija inkredibbli u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-versjoni tal-konvenut u fil-fatt qed tirrigettaha.

Illi jinghad li dan kollu bl-ebda mod ma gie kkonsidrat u ezaminat fid-decizjoni hawn mertu ta' dan l-appell, u in vista ta' dan jirrizulta ghalhekk li dan huwa kaz straordinarju sabiex il-Qorti tiddipartixxi mill-prassi li bhala Qorti tal-Appell toqghod fuq id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, u dan peress li mill-atti processwali jirrizulta li l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti kien bir-rispett kollu fl-ahjar ipotesi mhux korrett u mill-provi jidher car li l-versjoni tal-konvenut ma treggiex u ma ghandhiex mill-verita' **("Vincent Abdilla et vs Angelika Bonnici"** – A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2011).

Illi ghalhekk in vista ta' dan tilqa' l-appell tal-attur appellant, b'dan li tirrevoka s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2010, u minflok tilqa' t-talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €5,823.43 fil-waqt li tichad il-kontro-talba tal-konvenut appellat ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt **li tilqa' l-appell tal-attur appellant kontenut fir-rikors tal-appell datat 2 ta' Awwissu 2010, u b'hekk tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta' Lulju 2010** fl-ismijiet **"Anthony Montebello vs Raphael Buttigieg"** u minflok tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tal-attur fir-rikors datat 22 ta' Settembru 2008 b'dan li tordna l-konvenut appellat Raphael Buttigieg ihallas lill-attur is-somma ta' hamest t'elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) rappresentanti l-prezz bilancjali ghall-vettura tal-marka Pajero Reg. No. FBN 078 fl-istat li din kienet tinsab dak in-nhar tal-bejgh, u mibjugha u konsenjata, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 2007 sal-effettiv pagament, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2007, u tal-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali, fil-waqt li tichad it-talbiet tal-konvenut appellat fil-kontro-talba tieghu stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat Raphael Buttigieg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------